# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 35/K9/21**

Data tal-laqgħa: 23 ta' Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula (Inc. 24100/2021);
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. 24013/2021);

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

35.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbu jiġu skużati waqt il-laqgħa tal-Kunsill, wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu skużati.

**35.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.01 Is-Segretarju ressaq il-Minuti 34/K9/21 għall-approvazzjoni.

35.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab sabiex tiġi emendata l-bye-law li ghadna dwar l-użu ta' nġenji b'mutur fuq il-promenade. Is-Segretarju ser ikun qiegħed iressaqa waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

35.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

35.2.05 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

35.2.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

35.2.07 Il-Kunsillier Guido Dalli qajjem il-punt dwar 34.4.01 dwar permess biex persuna jinzel Xatt is-Sajjieda, huwa ġie nfurmat li l-applikant ingħata permess sa l-aħħar ta' Settembru u f'każ li jkun irid jista' jġedded il-permess sa' l-aħħar ta' Ottubru.

35.2.08 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar it-tender ta' Ta' Giorni dwar l-Isports Centre, is-Segretarju informa lill-Kunsill li għadna qed nistennew biex tiġi approvata l-bye-law.

35.2.09 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar 34.3.01 fir-rigward il-monument ta' Ġużi Tanti ghat-tieni darba l-applikazzjoni taghna mal-Planning Authority reġgħet waqgħet min-naħa tagħhom peress li għadna ma rċivejnix min-naħa tal-Lands Department. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nagħmlu laqgħa mac-CEO tal-Lands Department.

35.2.10 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-persuni kollha sabiex ġew organizzati safar ma' Sorano, Onano u Kunsentmikloz huwa irringrazja lill-kull min kien involut u irringrazzjahom li laqawna.

35.2.11 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar Ġieħ San Ġiljan, ġie deċiż li ssir fis-sala tal-Kappillan jekk ma ssirx issir l-iskola primarja. Din ser issir il-Ħadd 31 ta' Ottubru 2021.

**35.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen;**

35.2.01 Iċ-Ċermen informa li x-xogħolijiet fi Triq Lapsi mexjin u ser ikun qiegħed jingħata t-tarmac fil-gimgħat li ġejjin.

**35.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

35.4.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**35.5 Għoti ta' tender – Ġnien Saver Zarb**

35.5.01 Is-Segretarju ressaq l-offerti li l-Kunsill irċieva. Huwa nforma lill-Kunsill li kien hemm tlett offerti. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintagħżel l-offerta ta' Derek Garden Centre minħabba li hija l-aktar offerta vantaġjuża bil-kundizzjonijiet li ingħata min-naħa tal-Perit tal-Kunsill.

**35.6 Proġett Taraġ Scicluna**

35.6.01 Iċ-Ċermen qajjem il-punt fir-rigward Proġett Taraġ Scicluna huwa ikkjarfika li l-prezz ikun biss indikazzjoni min-naħa tal-Perit għaliex wara toħroġ sejħa għall-offerti. Fid-dawl tal-kritika li saret fuq pjanta proposta huwa qal li hemm erbgħa għażliet:

1. Inħallu kollox kif inhu u jibqgħa għaddej il-proġett;
2. Li jsiru emendi fuq il-pjanta u tinħareġ sejħa għall-offerti ġodda.
3. Li ma jsirx l-proġett u t-taraġ jibqa fl-istat li qiegħed preżentament
4. Li nerġgħu nibdew l-proġett mill-bidu.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li mmorru għat-tieni għażla.

**35.7 Talbiet żgħar;**

**35.7.01 Email dwar SUP Renting Station in St. Julian's Bay (Inc. 23074/21 & 23378/21);**

35.7.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jkellem lil Malta Tourism Authority.

**35.7.02 Email dwar San Giljan Boating Community (Inc. 23137/21 & 23240/21);**

35.7.02.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul qiegħed jipproponi li jsir group chat għas-sajjieda. Wara diskussjoni ma kienx hemm qbil fuq il-proposta pero' is-Sindku kien ser ikellem lis-sajjieda sabiex jekk huma interessati joħolqu group huma.

**35.7.03 Email dwar request for Parking Authorization (Inc. 23209/21);**

35.7.03.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li huwa ingħata permess għall-Settembru kollu u ser inkunu qed ninfurmawħ li f'każ li jkollu bżonn għall-Ottubru l-Kunsill ser ikun qiegħed jagħtih permess ukoll.

**35.7.04 Email dwar direttiva 02/2021 – contracts (community works) managers (Inc. 23249/21);**

35.7.04.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**35.7.05 Email dwar Ċirkulari SPI.APP.6.2021 – Emendi fil-proċess għall-amministrazzjoni ta' propjeta' pubblika (devoluzzjoni); (Inc. 23289/21);**

35.7.05.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**35.7.06 Email dwar new funding opportunity available – the BELLUS fund (Inc. 23364/21);**

35.7.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi kkordinata mill-Kunsillier Adrian Domenic Ellul.

**35.7.07 Email dwar talba għall-food truck new Andrew's Bar (Inc. 23372/21);**

35.7.07.01 Din l-applikazzjoni kienet għalqet. Wara diskussjoni l-Kunsill xorta ma aċċetax l-proposta tiegħu.

**35.7.08 Email dwar planters in Birkirkara Road (Inc. 23439/21);**

35.7.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tiegħu.

**35.7.09 Email dwar PA/06925/19 – Construction of pavement (Inc. 23487/21);**

35.7.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel.

**35.7.10 Email dwar SPI/SCI/1/2021 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f' Malta 2020/2021 (Inc. 23505/21);**

35.7.10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**35.7.11 Email dwar Skema Finanzjarja 1/2021 – Korsijiet lir-Residenti (Inc. 23517/21);**

35.7.11.01 Qamet diskussjoni dwar skema finanzjarja 1/2021 – korsijiet lir-Residenti. Wara appel li kien sar fuq facebook jidher li ma kienx hemm konkorenza, pero kellna nerġgħu nippruvaw sabiex ma jintilfux dawn il-fondi.

**35.7.12 Email dwar Grants by the Region – Training Courses Funding (Inc. 23563/21);**

35.7.12.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill pero l-Kunsill mhuwiex interessat.

**35.7.13 Email dwar Prelude to Christmas Funding (Inc. 23622/21 & 23638/21);**

35.7.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ser ikun qiegħed jiċċekja jekk ser ikun hemm fondi disponibbli minn xi skemi sabiex ikun jista' jużhom għal dan il-kunċert.

**35.7.14 Email dwar Kunċert tal-Festa – Banda San Ġiljan (Inc. 23686/21);**

35.7.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel ma' dan l-kont.

**35.7.15 Email dwar Bust Dun Anton Sciberras (Inc. 23700/21);**

35.7.15.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din il-materja tiġi diskussa mal-Kappillan ta' San Ġiljan.

**35.7.16 Email dwar Fondi – Proġetti fil-komunitajiet (Proġetti 2022) (Inc. 23705/21);**

35.7.16.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ċ-Ċermen ser ikun qiegħed jikkoordina hu min-naħa tiegħu biex naraw liema proġetti nistgħu natwaw bis-saħħa ta' dawn il-fondi.

**35.7.17 Email dwar St Julians Eco report (Inc. 23708/21);**

35.7.17.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**35.7.18 Email dwar Ċirk AKL 2021/083 President's Solidarity Fun Run 2021 – 14th November 2021 (Inc. 23776/21);**

35.7.18.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**35.7.19 Email dwar Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2021 / National Worker of th year 2021 (Inc. 23793/21);**

35.7.19.01 Il-Kunsill m'għandu l-ħadd.

**35.7.20 Email dwar proposed programme for Queen's Baton Relay (Inc. 23449/21);**

35.7.20.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ngħidu lill-Neil Agius.

**35.7.21 Email dwar Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2021 - Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021 (Inc. 23984/21);**

35.7.21.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li niċċekjaw mal-baned jekk għandomx xi ħaġa li ser ikunu qed jagħmlu.

35.7.21.02 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ġie skużat fis-7.15p.m.

**35.7.22 Email dwar Call for clarification saver gardens (Inc. 24054/21);**

35.7.22.01 Din ġiet diskussa aktar kmieni fl-aġenda.

**35.7.23 Email dwar Ċirk AKL 2021 / 093 Convenent of Mayors (Inc. 24064/21);**

35.7.23.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**35.7.24 Email dwar Proposta – sinjali ta' cat crossing u rimi ta' skart (Inc. 24072/21);**

35.7.24.01 Din ser terġa tittela fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**35.7.25 Email dwar ittra sabiex tinqara mal-korrispondenza tal-laqgħa (Inc. 24076/21);**

35.7.25.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li għandhom jikkuntatjaw min-naħa tal-Ministeru lis-Segretarju sabiex inkunu nistgħu nimxu mal-proċedura.

**35.7.26 Email dwar Pet walk lions club (Inc. 24112/21);**

35.7.26.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ser ikun qiegħed jitkellem magħha ċ-Ċermen.

35.7.27 Is-Segretarju ressaq talba sabiex jgħaddi 108 siegħa mill-leave tas-sena 2021 għas-sena 2022. Kien hemm qbil unanimu.

**35.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

35.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5461 sa 5512. (Ara Appendiċi 'B')

35.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**35.9 Skeda tal-Pagamenti**

35.9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

35.9.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

35.9.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**35.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

35.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it- Tlieta 19 ta' Ottubru 2021 fil-5.00p.m.

35.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m.

IFFIRMATI

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 19 ta' Ottubru 2021.